MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 953/1992/1

**Mary armla minn Thomas Patrick u b'digriet tas-27 ta' April 1995 il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-atti f'isem Anthony Patrick stante l-mewt ta' Mary armla minn Thomas Patrick**

**vs**

**Marco Chircop**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici originali ppremettiet:-

Illi hi proprjetarja tal-fond 127 Rue D'Argens, Msida fejn ghandha r-residenza taghha.

Illi dan il-fond minn dejjem kien igawdi servitu' ta' arja u dawl mill-fond adjacenti 123, Rue d'Argens, Msida, li jinsab fil-pussess tal-konvenut u l-familja tieghu u dana billi ghandu diversi twieqi li jaghtu ghal gol-bitha tal-fond possedut mill-konvenut.

Illi xi xhur ilu l-konvenut abbuzivament u minghajr ebda dritt legali qabad u saqqaf il-bitha tal-fond minnu possedut, mil-liema bitha il-fond tal-attrici kien jircievi arja u dawl, b'mod li tellef lill-attrici mit-tgawdija tas-servitu' ta' arja u dawl li l-fond taghha kien ilu jgawdi ghal diversi snin u minghajr interruzzjoni, u b'hekk gie li spolja lill-attrici fid-drittijiet taghha oltre li illedielha id-drittijiet proprjetarji taghha.

Illi interpellat biex iwaqqa' l-kostruzzjoni li huwa bena fil-bitha imsemmija b'mod abbuziv u illegali u anke minghajr il-permessi tal-bini u tal-awtoritajiet sanitarji kif ukoll stante li ma nzammux id-distanzi regolamentari skond il-ligi, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ghalhekk l-attrici originali talbet li l-konvenut jghid, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

(1) tiddikjara u tiddeciedi li l-kostruzzjoni li tella' il-konvenut fil-fond minnu possedut 123, Rue d'Argens, Msida, hija illegali u abbuziva billi telfet mis-servitu' ta' dawl u arja li kien igawdi l-fond proprjeta' tal-attrici 127, Rue d'Argens, Msida.

(2) tikkundanna il-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss  jirrimuovi l-kostruzzjoni li huwa tella' fil-bitha tal-fond 123, Rue d'Argens, Msida, u jirrepristina l-bitha ta' dak il-fond fl-istat li kienet qabel u dana taht id-direzzjoni ta' perit u arkitett nominat ghal dan l-iskop.

(3) fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici sabiex taghmel hi l-istess xogholijiet imsemmija fit-tieni talba a spejjez tal-konvenut taht is-sorveljanza tal-perit nominat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' Lulju 1992. Il-konvenut gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:-

1. illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

2. illi l-kostruzzjoni li qieghda tilmenta minnha l-attrici ilha tezisti snin kbar, ferm qabel l-eccipjent kera l-post in kwistjoni xi ghaxar snin ilu.  Li ghamel l-eccepjent kien li bidel saqaf minhabba li dan kien joqtor l-ilma tax-xita, dan pero ghamlu 'l fuq minn sentejn ilu u mhux "ftit xhur ilu" kif premess fic-citazzjoni.

3. illi ghalhekk mhuwiex minnu li l-eccepjent naqqas xi servitu' li l-attrici tippretendi li kellha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-12 ta' Jannar 1993 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Frederick Doublet bil-fakoltajiet kollha soliti.

Rat il-verbal tal-access li nzamm fis-27 ta’ April 1995 minn din il-Qorti (diversament presjduta).

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tas-27 ta’ April 1995 li bih giet ordnata t-trasfuzjoni tal-atti f’isem Anthony Patrick stante l-mewt ta’ Mary armla minn Thomas Patrick.

Rat l-affidavits tal-attur, ta' Vittorio Laferla, ta' Doreen Laferla u tal-Perit Renato Laferla, liema affidavits gew presentati mill-attur.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 1997.

Rat il-verbali tal-access u tas-seduti mizmuma mill-perit tekniku.

Rat ir-risposti miktubin tal-perit tekniku ghal domandi li saru bil-miktub mill-attur.

Semghet lill-perit tekniku msejjah mill-attur.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-attur.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-attrici originali kienet il-proprjetarja tal-fond 127 Rue D'Argens, Msida. Fic-citazzjoni taghha l-istess attrici tippremetti li l-imsemmi fond taghha minn dejjem kien igawdi servitu' ta' arja u dawl fil-konfront tal-fond adjacenti 123, Rue d'Argens, Msida, li hu possedut mill-konvenut u l-familja tieghu u dana peress li hemm diversi twieqi fil-fond tal-attrici li jaghtu ghal gol-bitha tal-imsemmi fond possedut mill-konvenut. L-attrici tkompli tallega li, xi xhur qabel il-presentata tac-citazzjoni, il-konvenut illegalment u abbuzivament saqqaf il-bitha tal-fond minnu possedut, mil-liema bitha il-fond tal-attrici kien jircievi arja u dawl, u b'hekk tellef lill-attrici t-tgawdija tal-imsemmija servitu' u spolja lill-attrici mid-drittijiet taghha. Ghalhekk l-attrici talbet li jigi dikjarat li l-kostruzzjoni li l-konvenut tella fil-bitha tieghu hi illegali u abbuziva u ttellef mis-servitu' ta' dawl u arja a favur tal-fond tal-attrici. L-attrici talbet ukoll li l-konvenut jigi kundannat jnehhi l-imsemmija kostruzzjoni u li jirrepristina l-imsemmija bitha fl-istat li kienet qabel ma saret l-istess kostruzzjoni.

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-kostruzzjoni in kwestjoni ilha tezisti snin kbar, u cioe' minn qabel li l-konvenut kera l-imsemmi fond. Il-konvenut kompla jissottometti li kull ma ghamel kien li, xi sentejn qabel il-presentata tac-citazzjoni, ghamel saqaf gdid peress li dan kien joqtor l-ilma tax-xita. Ghalhekk, skond il-konvenut mhux minnu li l-eccepjent naqqas xi servitu' esistenti favur il-fond tal-attrici.

F'dawn il-proceduri gie nominat l-AIC Frederick Doublet bhala perit tekniku. Fir-rapport tieghu l-perit tekniku, wara li ghamel diversi kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet, ikkonkluda illi l-kostruzzjoni li l-konvenut ghamel fil-bitha tieghu hi illegali u abbuziva. Il-perit tekniku, pero', ddikjara li hu tal-opinjoni li ma jistax jigi eskluz li l-konvenut seta' ottjena l-permessi necessarji sabiex issir xi kostruzzjoni fil-bitha in kwestjoni. Il-perit tekniku, pero', jzid li tali kostruzzjoni ma tista qatt tkun kif effettivament bniha l-konvenut. Sewwa rrimarka l-perit tekniku li din il-kwestjoni tal-permessi hi wahda bejn il-konvenut u l-awtoritajiet kompetenti. Inoltre din l-istesss kwestjoni tesorbita mill-ambitu ta' dawn il-proceduri u ma tifformax parti mill-meritu tal-kawza kemm ghar-rigward tat-talbiet attrici kif ukoll ghar-rigward tal-eccezzjonijiet tal-konvenut. Inoltre l-perit tekniku jghamel xi suggerimenti rigwardanti ix-xogholijiet rimedjali li jistghu jsiru ghar-rigward tat-tnaqqis tal-arja u tad-dawl in kwestjoni. Dawn huma biss suggerimenti u ghalhekk jistghu jigu attwati biss bi ftehim bejn il-partijiet u bil-kunsens tal-istess partijiet. Dawn is-suggerimenti ukoll jesorbitaw mill-ambitu ta' din il-kawza.

Il-perit tekniku ghalhekk ikkonkluda li l-kostruzzjoni li l-konvenut ghamel fil-bitha tieghu hi illegali u abusiva u tnaqqas is-servitu' tad-dawl u arja li jgawdi favur tieghu l-fond tal-attur u kwindi, dejjem skond il-perit tekniku l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha. Konsegwentement anke t-tieni talba rigwardanti li l-konvenut jigi ordnat li jqieghed kollox kif kien qabel ma saret il-kostruzzjoni in kwestjoni fil-bitha tieghu. Dwar din it-tieni talba l-perit tekniku kkonkluda li m'ghandhiex tintlaqa'. Hawnhekk il-perit tekniku jirreferi ghall-

imsemmija suggerimenti tieghu. Dawn pero’, kif gia ntqal, mhux part mill-meritu tal-kawza u ghalhekk jistghu jigu attwati biss jekk iridu z-zewg partijiet u bil-kunsens taghhom. Kwindi l-imsemmija tieni talba ghandha tigi ukoll akkolta. Il-perit tekniku kkonkluda ukoll li l-konvenut ma rnexxilux jipprova l-eccezzjonijiet tieghu.

Il-Qorti esaminat bir-reqqa u funditus dan ir-rapport tal-perit tekniku u taqbel kemm mal-konsiderazzjonijiet li ghamel l-istess perit tekniku kif ukoll mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess perit tekniku, ad eccezzjoni, kif gia gie rilevat, tal-konkluzjoni tal-perit tekniku dwar it-tieni talba. Ghalhekk Il-Qorti tghamel taghha dawn il-konlkuzjonijiet, bl-imsemmija eccezzjoni. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel il-Qorti tvarja jew tbiddel l-istess konkluzjonijiet.

Ghahekk it-talbiet kollha attrici jimmeritaw li jigu akkolti, filwaqt li l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut jisthoqqilhom li jigu rigettati.

Ghaldawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezjonijiet tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-kostruzzjoni li tella' il-konvenut fil-bitha tal-fond minnu possedut 123, Rue d'Argens, Msida, hija illegali u abbuziva billi telfet mis-servitu' ta' dawl u arja li jgawdi l-fond proprjeta' tal-attrici 127, Rue d'Argens, Msida u tkkundanna il-konvenut sabiex fi zmien xahar millum jirrimuovi l-istess kostruzzjoni u jirrepristina l-imsemmija bitha fl-istat li kienet qabel ma saret il-kostruzzjoni u dana taht id-direzzjoni tal-perit u arkitett civili Godwin Abela li qed jigi nominat appuntu ghal dan l-iskop. Fin-nuqqas l-attur hu awtorizzat li jghmel dawn ix-xogholijiet a spejjez tal-konvenut dejjem taht is-sorveljanza tal-imsemmi perit li gie nominat.

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------